MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2013

Numru 100/2013

**Il-Pulizija
(Spettur Kylie Borg)**

**vs.**

**Lucian Stanescu**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Lucian Stanescu**, ta’ sebgha u ghoxrin (27) sena, iben Daniel u Trishika, imwieled l-Galati fir-Romanija nhar id-09 ta’ Mejju 1985 residenti r-Rumanija, b’indirizz Malti mhux magħruf u detentur ta’ karta ta l-Identita Rumena bin-numru GL95312, akkuzat talli f’dawn il-gżejjer, ġewwa l-Belt Valletta, nhar is-06 ta’ Frar 2012 għall-ħabta tas-13.00 ta’ wara nofsinar u fil-ħinijiet ta’ qabel, b’diversi atti magħmulin fi żmien differenti, li jkunu jiksru l-istess

disposizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. ikkommetta serq ta' €100 għad-dannu ta' Jason Neogrne, minn Sullivan and Sullivan ġewwa l-Belt Valletta;

2. ikkommetta serq ta' €50 għad-dannu ta' Claudine Tabone, minn Mango;

3. ikkommetta serq ta' €50 għad-dannu ta' Amanda Brincat, minn Stadivarius;

4. ikkommetta serq ta' €20 għad-dannu ta' Patrick Mizzi minn Café Café Restaurant;

5. bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq ta' €50 għad-dannu ta' Abigail Sultana, wera dan il-ħsieb b'atti estreni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu;

6. f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, instab fis-sakra, b'mod li ma setgħax jieħu ħsieb tiegħu nnifsu.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li waqt is-seduta tallum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur tiddikjara li l-ammonti ta' flus indikati fl-imputazzjonijiet jinsabu fil-pussess tal-Prosekuzzjoni sabiex dawn jigu ritornati lura lid-derubati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi: fosthom in-natura tar-reati addebitat lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat (li hija wahda nadifa), l-ammissjoni bikrija tal-imputat, u kif ukoll, b'mod partikolari, il-fatt li l-ammonti ta' flus indikati fl-imputazzjonijiet jinsabu fil-pussess tal-Prosekuzzjoni sabiex dawn jigu ritornati lura lid-derubati.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 41(1)(a), 284 u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------